# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' 2022

Kump. Numru 345/2018 YMS

**Il-Pulizija**

**[Spettur Elliott Magro]**

**vs**

**Peter Cremona**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

Peter Cremona ta' 33 sena, imwieled Pietà nhar l-24 ta' Ottubru 1984, iben Peter u Monica xebba Farrugia, residenti gewwa l-fond bin-numru 25, "Our Dream", Triq il-Fanali, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identità numru 523484M.

Akkuzat talli:

**Nhar id-29 ta' Mejju, 2018 għall-ħabta tan-nofs siegha (12:30 pm), ġewwa Triq il-Fanali, Santa Venera:**

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gabriel Micallef, u dan skond ma iċċertifika Dr Chris Muscat MD (Reg. No. 1493) miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Ħal Qormi, u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, insulenta u għeddid bil-kliem lil Gabriel Micallef u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, voluntarjament kissirt il-kwiet u bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija l-Qorti ntalbet biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Gabriel Micallef u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-Imputati iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat kien wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih waqt is-seduta tat-30 ta' Mejju 2018 (a fol. 2 tal-atti);

Rat id-digriet tal-Prima Facie tat-12 ta' Gunju 2018

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn ta' l-kunsens tieghu ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali , indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tisa' tinstab htija u cioe:

a) fl-artikol 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
b) Fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
c) Fl-artikolu 339(e)tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta
d) Fl-arikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta
e) Fl-artikolu 383,384,412C, 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li nqraw l-Artikoli min-nota tal-Avukat Generali datata tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u d-dikjarazzjoni tal-Imputat li m'għandux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bil-procedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Gudikatura Kriminali.

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u dokumenti kollha
Rat l-atti kollha
Rat it-trattazzjoni tal-Partijiet.

IKKUNSIDRAT:

Illi din il-kawza si tratta dwar offiza ta' natura gravi u l-Imputat f'din il-kawza kien gie akkuzat li wettaq tali offiza ta' natura gravi fuq Gabriel Micallef nhar id-29 ta' Mejju 2018 għall-ħabta tan-nofsiegħa (12:30 pm) fi Triq il-Fanali, Santa Venera, kif deskritti fl-att tal-akkuza (a fol. 1).

IKKUNSIDRAT

L-Ispettur Elliott Magro xehed nhar id-29 ta' Mejju 2018, li l-Pulizija Ezekuttiva fl-għassa tal-Ħamrun, irceviet rapport li kien inqala' argument fl-inħawi ta' l-ħanut Harry's Ironmongery", Triq il-Fanali, Santa Venera u meta l-Pulizija kienu marru fuq il-post tkellmu ma' Rodianne Brincat li nfurmathom li Gabriel Micallef li kien gie rikoverat l-isptar Mater Dei kien qala' xebgħa minn raġel. Ix-xhud qal li l-Pulizija nnotat li fuq il-bankina u ġol-garage tal-istore kien hemm diversi dwawar ta' demm u x-xena kienet giet ipprezervata permezz ta' għassa tal-apposta. Is-Sugent numru 991 kellem lil Gabriel Micallef fit-taqsima tal-emergenza fl-isptar Mater Dei. Dan tal-aħħar qal lis-surgent li waqt li kien qiegħed ġo l-imsemmi store raġel b'vann ta' lewn isfar waqaf vicin l-istore, beda jgħajjat biex ma jipparkjax quddiem ir-residenza tiegħu u rcieva twegiba li jekk kellu jgħid xi ħaġa jgħidha lid-delivery man għax hu ma kellux x'jaqsam u skont ma' qal Gabriel Micallef lis-surgent, dan ir-raġel ħebb għalih beda jagħtih ġo wiccu u partijiet oħra ta' gismu u gidmu f'idejh. Saret tfittxija għar-raġel suspettat u lill-Pulizija rrizultalha li kien l-Imputat li kellu vann isfar tal-għamla FIAT Iveko. Wara ezami ta' filmat, il-Pulizija arrestat lill-Imputat u ħaditlu stqarrija li l-Imputat ma ffirmax. L-Imputat kien stqarr mal-Pulizija li l-griehi li garrab il-parte civile garrabhom għax l-Imputat kellu jiddefendi ruħu wara li Gabriel Micallef kien imbuttah. L-Ispettur qal li kontra l-Imputat ittieħdu l-passi li għandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti. Ix-xhud ipprezenta c-certifikati medici li jinsabu a fol. 33, 34 u 35. Ix-xhud għaraf lill-Imputat present fl-awla waqt l-istess seduta. Mistoqsi waqt

kontro-ezami dwar griehi li l-Imputat kien qallu li kellu, ix-xhud qal li kienu nghataw struzzjonijiet sabiex l-Imputat jittiehed ghal ezami fil-poliklinika tal-Furjana, izda ma rcieva ebda certifikat jew talba mill-Imputat biex jinhargu akkuzi kontra l-parte civile. Meta rega' xehed waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2018, ix-xhud esebixxa l-hwejjeg tal-vittma tal-incident. Fuq dawn il-hwejjeg kien hemm tbghajja tad-demm, liema hwejjeg jidhru fir-ritratti li ttiehdu f'Mater Dei. Fil-kontro-ezami tieghu li sarlu nhar it-28 ta' Lulju 2021, ix-xhud wiegeb li Gabriel Micallef kien mar ikellmu xi ftit tal-granet wara l-incident u ghaddielu xi ritratti tal-griehi. Qabel dak in-nhar lill-parte civile kien jafu ghax kien ex-Spettur bhalu. Qatt ma hadmu flimkien. Huwa qal li dak inhar tal-incident li gie kkuntattjat minn missier Gabriel Micallef u nfurmah li t-tifel tieghu kien involut f'incident u tah informazzjoni li l-persuna li aggredietu kienet qieghda f'ghalqa hdejn l-isptar St. Philips. Il-Pulizija marret hemm izda ma sabitux. L-Imputat kien gie kkuntattjat bit-telefon u mar l-ghassa. Sussegwentement Gabriel Micallef kien jaghmel kuntatt biex jara f'hiex kienu waslu l-proceduri. Ix-xhud ma ftakarx jekk missier Gabriel Micallef kienx rega' cempillu. Huwa enfasizza li ma kellux indhil u "… *ressaqt b'volonta tieghi ghax rajt li kien hemm bizzejjed fatti.*"[1]

Gabriel Micallef xehed li qal li nhar id-29 ta' Mejju 2018 kien jinsab f'hanut ta' habib tieghu fi Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera. Kien ilu hemm xi sieghet ghax kien post fejn jiltaqghu hbiebu. Huwa kien ser jitlaq minn hemm izda Madrin Brincat talbu favur biex idahhalu l-vann fil-garaxx li jinsab fi Triq il-Fanali, Santa Venera. Kif fetah il-bieb mar fuqu persuna u qallu li kellu tliet pallets gibs biex jiddahhlu fil-garaxx. Waqt li kienu qed jinhattu dawn il-pallets, ix-xhud qal: "*Kif qed inpoggi l-ahhar pallet, mort jigifieri biex ingib pallet vojt minn naha ta' gewwa ta' l-garaxx, tfajtu tahtu u ha nnizzel il-pallet fuqu, waqaf vann isfar quddiem il-bieb, hsibtu vann ta' DHL u qalli xi haga minn go l-vann. Jiena ghamiltlu sinjal b'idejja biex jistenna wahda ghax ma fhimtux, tfejt il-lifter, ghidtlu hu pacenzja erga' ghidli ghax ma fhimtekx u qalli ghid lil ta' t-trakk li jekk jerga' jipparja hemm hekk nitfaghlu kantun minn fuq, jiena ghitlu x'inhu, qalli ghid lil ta' t-trakk li jekk jerga' jipparkja hemm hekk , nitfaghlu kantun minn fuq, ghidtlu dak ma ghandux x'jaqsam mieghi hija ta', …*" Ix-xhud qal li huwa ma kienx hareg mill-garaxx. Huwa qal li "*… kif ha nirkeb fil-lifter nisimghu joffendini … il-familja tieghi u dort inhares lejh u ghidtlu ha toffendini ukoll qed nghidlek jien dak ma ghandix x'naqsam mieghu u dak il-hin nizel minn go l-vann u baqa' diehel go l-garaxx u jien ma bsartux li gej jiggieled u kif gie qisu dawk iz-zewg metri 'l boghod minni ha rankatura gibed idejh lura,*

[1] A fol. 166

*qisu ikkarga u xejjer daqqa ta' ponn, l-ewwel wahda evitajtha u tfajtu ma' l-art. Wara sittax-il sena fil-Pulizija l-istint tieghi kien li nrazzan mhux li naghti u tfajtu ma' l-art u ppruvajt inzommu biex jieqaf, biex jikkalma. Dak il-hin gidimli idejja in-naha ta' l-bicep in-naha ta' gewwa x-xellugija, irnexxielu johrog minn tahti u kompla jaghti u beda jaghtini bil-ponn go wicci. Wara xi tmien daqqiet ta' ponn ... minn fuqi u rikeb ghal go l-vann u telaq. Go l-vann kien hemm zewg nisa iwerzqu.*"[2] Huwa qal li fl-ebda hin ma kien offenda lil min aggredih u qam mill-art mimli demm u sturdut. Mar il-polyclinic u u mbaghad l-isptar fejn sarulu check ups u CT scan u hadulu hsieb il-griehi li kien garrab. Id-daqqiet li sofra kienu kollha f'wiccu u widnejh. Waqt li kien qieghed jixhed ix-xhud gharaf u indika lill-Imputat bhala l-persuna li aggredietu. Huwa ppresenta ghadd ta' ritratti li juru l-griehi li garrab.[3] Dawn ir-ritratti kienu ttiehdu mis-siehba tax-xhud, Marilyn Saliba, permezz tal-mobile phone taghha. Huwa fisser lil din l-Onorabbli Qorti x'kien qed jidher fir-ritratti. Huwa qal li kien inkisirlu mniehru u kellu jigi operat. Huwa qal li qabel dak in-nhar tal-incident qatt ma kien ra lill-Imputat jew li kien joqghod fl-inhawi. Huwa qal li kien ghad irid jaghmel follow up biex jara jekk l-operazzjoni ta' mniehru rnexxietx jew le. Uwa qal izda li ghandu hofra fuq in-naha tax-xellug taht ghajnejh li saret konsegwenza tad-daqqa ta' ponn li qala'. Sa dak inhar li ta x-xiehda teighu kien qieghed jistenna appuntament biex isirulu l-verifiki necessarji.

Xehed il-Perit Emanuel Galea li qal li l-Intimat kien ilu jahdem mieghu hdax-il sena fuq bazi full time. Ix-xoghol tieghu kien ta' manutenzzjoni. Huwa qal dwar l-incident ma kienx involute izda kien jaf li l-Intimat kien qed isuq il-vann bin-numru tar-registrazzjoni GBW 561 tal-ghamla Ducato bil-lewn isfar. Il-vann kien irregistrat f'isem ix-xhud.

Fix-xiehda tieghu, PS 991 Alexander Gauci qal li wara li kien dahal rapport huwa mar fuq il-post tal-incident gewwa l-istore Harry's ironmongery. Huwa tkellem ma' impjegat li tahdem f'dan il-hanut, Rodienne Brincat, Irrizultalu li kien sehh incident u l-vittma kienet ittiehdet l-isptar. Fuq il-post innota li kien hemm diversi pallets tal-ixkejjer u fork lifter. Kien hemm qtar tad-demm kemm fil-hanut kif ukoll fuq il-bankina. Fuq il-post huwa kien halla lil WPC 159 ghassa. Huwa mar l-isptar Mater Dei u kellem lill-vittma Gabriel Micallef fit-taqsima tal-emmergenza u hadlu l-verzjoni tieghu "*…ghal habta ta' l- kwarta ta' dak inhar stress, kien gie vann ta' d-delivery biex igib ix-xoghol u hekk kif kien qed idahhal ix-xoghol gewwa l-hanut, dan kienet waqfet persuna b'vann isfar fejn kien dahal ghalih u qallu*

[2] A fol. 38

[3] A fol. 50 sa fol. 55

*"tipparkjawx vannijiet fejn ir-residenza tieghi". Dan jigifieri qieghed fil-kantuniera. Dan zviluppa argument bejniethom u l-vittma Gabriel Micallef spicca bi griehi fejn dan kellu jittiehed l-isptar. Jiena nnutajt li kellu diversi griehi f'wiccu u kif ukoll f'imniehru u minn hemm hekk imbaghad konna elevajna l-hwejjeg tieghu u kont ghaddejthom lil Ispettur Elliot Magro.*" Huwa qal li wara li kellem lill-vittma minn stharrig li ghamlu identifikaw lill-persuna l-ohra li kienet involute fl-argument u waqt din ix-xiehda identifika fl-awla tal-Qorti lill-Imputat bhala dik il-persuna. Huwa gharaf ukoll l-istqarrija li kienet ittiehdet mill-Imputat nhar it-30 ta' Mejju 2018 u kkonferma l-firma tieghu li tidher fuq l-istess stqarrija. Huwa indika u kkonferma r-rapport li jinsab in atti li ghamel u ddikjara li ma kellu jzid mieghu xejn aktar.

Xehed Dr Chris Muscat li qal li fid-29 ta' Mejju 2018 ezamina lil Gabriel Micallef fic-centru tas-sahha u sab li kellu griehi go wiccu u nefha fuq il-hanek taz-zewg nahat. Haduh ghall-iscanning u rrizulta li kellu ksur. Ix-xhud iccertifikah li kellu griehi gravi. Gabriel Micallef kien riferut l-Isptar Mater Dei u minn dak inhar ix-xhud ma kienx rega' ezaminah.

Dr Ann Marie Xerri xehdet li l-parte civile "… *kellu nefha f'imniehru u diformità. Kellu tbengil bid-demm ma' n-naha ta' wara ta' l-widna ta' x-xellug u nefha fil-jaw, fil-manibola fiz-zewg nahat. Il-pressjoni kienet daqs xejn gholja, qalbu kienet daqs xejn qed tghaggel. Kellu ukoll ftit tbengil u nefha fuq inp-naha ta' driegh ix-xellugi. Ghal dik ir-raguni jiena bghattu l-Emergenza biex jgi evalwat ahjar.*" Hija ma ftakritx x'diskors ghadda bejniethom. Hija ma regghetx ratu wara.

Dr Mario Scerri li kkonferma li b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kien gie nkarigat jezamina lil Gabriel Micallef. Huwa ezaminah nhar it-8 ta' Lulju 2018 u sab li "… *kellu cikatrici fuq il-mohh u il-brixx ta' l-imnieher u dawn kienu rizultat ta' blunt trauma. Dik ic-cikatrici fuq l-imnieher jista' jkun li tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc. Ikkonfermajt ukoll li ttiehed X Ray ta' l-wicc u kien hemm evidenza ta' fratturi ta' n-nasal bones, liema fratturi gew subiti rizultat ta' blunt trauma. Dan kellu l-aspett ... ta' n-naha tax-xellug ta' l-imnieher minfuh, il-bqija c-CT Scan ma uriex li kien hemm perforation tat-tambu ta' l-widna ghax dan qala' daqqa fuq il-widna ukoll. Dawn il-lezjonijiet, il-frattura hija ta' natura gravi per durata u c-cikatrici jista' jkun li tibqa' tidher from within walking distance.*" Waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2018, x-xhud b'awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti rega' ezamina lil Gabriel Micallef u sab li c-cikatrici kienet hemm "*però mhux daqs hekk kospikwa from within talking distance.*" Ix-xhud qal li ma kien mitlub

jikkonstata l-percentwali ta' dizabbilità izda qal li l-frattura kienet gravi per durata.

Xehdet Marilene Saliba Caruana li identifikat ruhha bhala s-siehba ta' Gabriel Micallef. Hija qalet li wara li kienet cemplitlu kienet marret ic-centru tas-sahha peress li kien qalilha li kien qieghed hemm. Ma ftakritx id-data. Hija sabitu imbengel u permezz tac-cellulari taghha gibdet ir-ritratti li jinsabu in atti.[4] Hija kkonfermat li haditlu dawn ir-ritratti.

IKKUNSIDRAT

Xehed bil-gurament, l-Imputat, Peter Cremona li qal li huwa jahdem ma' Perit bhala project manager. Huwa qal li matul l-ahhar xahar beda jsib il-hmieg u ra trakk li jwassal u jhott is-cement go garaxx u jieqaf quddiem ir-residenza tieghu peress li l-istore kien faccata fi Triq il-Fanali Santa Venera. Qal li ra li s-sewwieq tad-delivery jaghmel xogholu (urina). Ix-xhud qal li huwa pparkja u dahal f'daru. Jumejn wara rega' nzertah hu u diehel bil-vann fl-istess triq. Rega' rah u cedielu biex jghaddi minn hemm u "… *rajt ix-xoghol ghadu frisk. U bit-trab u dan.*" Huwa qal li ra lill-parte civile barra l-istore bil-lifter. Huwa ma kien jafux. Ix-xhud qal li huwa waqaf bil-vann u qallu biex ighid lill-iehor biex ma jibqax ihammeg it-triq. Huwa rcieva twegiba: ghidlu inti. Ix-xhud qal li rcieva din it-twegiba b'arroganza. Ried jurih il-hmieg li l-iehor allegatament kien ghamel izda l-parte civile ma ried jara xejn. Ix-xhud qal li: "*Ipparjajt jiena u nzilt u ghidtlu: "Isma nkellmek qieghed ta, kemm inti kiesah," kif ghidtlu hekk tar fuqi mal-ewwel, bhal tal-judo ghamilli. Jiena ntfajt ghal dahri u beda jfajjarli u kellu idu ma' halqi u jiena bdejt naghti biex ninqala minn mieghu. Kif inqalajt minn mieghu mxejt lura u ghidtlu: "Inkellmek gejt," bhal speci. U mbaghad jiena mxejt lura u kien hemm il-mara mieghi u bdiet tghidli: "Ieqfu, aqtghuha," u bhal speci rsaqt lura u dhalt id-dar. U mort inkompli l-gurnata tax-xoghol tieghi.*" Huwa qal li kollox gara barra l-istore. Huwa qal li ma kienx dahal gewwa. L-ewwel diskors ma Gabriel Micallef kien sar mill-vann. Imbaghad ipparkja l-vann u nizel. Huwa qal li meta nizel qal lill-parte civile li kien mar ikellmu bil-kelma t-tajba "*kemm inti kiesah*". B'dan id-diskors ix-xhud qal li li Gabriel Micallef tar ghal fuqu mal-ewwel "*U jien spiccajt jigifieri lura, hawn nqlibt ghal dahri u ma stajt ninqala minn tahtu u bdejt infajjar biex nohrog ghax ghamilli idu l-leminija ma' halqi.*" Dwar il-gidma, huwa xehed : "*Hu kellu jdejh ma' halqi jiena bdejt naghmel hekk biex ninqala'.*" Huwa qal ukoll li l-parte civile kien mar ghal fuqu u "*Iddefendejt ruhi biex nohrog.*" Huwa qal li qala' daqqiet f'halqu hadha ghal dahru. Huwa cahad

[4] A fol. 50 sa fol. 55

li dahal fil-garaxx. Ix-xhud qal li mieghu dak il-mument kellu lil martu u lil ommu. Martu bdiet tghajjat biex jaqtghuha. Ix-xhud qal li l-glieda damet zewg minuti kollox. Wara l-glieda hu u martu dahlu d-dar u mar lura ghal xogholu. Fil-kontro-ezami tieghu, ix-xhud qal li sab l-urina darbtejn f'dak ix-xahar u mdejjaq b'din il-bicca xoghol ghax ma kinitx haga sewwa ghal martu u uliedu bniet meta jkunu fil-gallerija fuqu. Mistoqsi jekk kienx irrabbjat, huwa wiegeb li ma kienx hebb ghall-parte civile. Ix-xhud gie muri l-erba' ritratti li hemm in atti[5] u mistoqsi dwar il-gidma f'id il-parte civile, qal li l-parte civile kellu jdejh ma halq ix-xhud. Dwar il-griehi fil-wicc huwa qal li beda jaghti biex jinqala.[6] Huwa qal li: "… *jiena bdejt infajjar biex nohrog minn tahtu ghax kien fuqi.*" Ma kkonfermax li l-griehi l-ohra li jidhru fir-ritratti ghamilhom hu.

Mart l-Imputat, Alison Cremona xehdet li dak in-nhar kienu waslu fit-triq taghhom bil-vann u rat it-trakk quddiem il-bieb tar-residenza taghhom u l-urina mal-art. Rat lill-Gabriel Micallef li qabel ma kinitx qatt ratu u ma kinitx tafu. Mill-vann zewgha kien kellem lil Gabriel Micallef biex ighid lit-terza persuna ma jhallix mandra u urina. Gabriel Micallef wiegbu biex dan id-diskors ighidulu hu stress. L-imputat imbaghad ipparkja u nizlu biex jidhlu d-dar fejn kienu joqghodu. Maghhom kien hemm ommha. Hija qalet li zewgha qal lil Gabriel Micallef li kien qed ikellmu bil-kelma t-tajba u qallu kemm kien kiesah. Ix-xhud qalet li: "*F'daqqa wahda nara lil Gabriel itir ghal fuq Peter quddiem l-istores taghhom ezatt fuq il-bankina u nara lil Peter bhal speci jxejjer idu u jiena nhsadt ovvja u bdejt nghajjat bhal speci: "Aqtghuha, aqtghuha." Dak bazikament ghax imbaghad qisu waqfu fhimt.*"[7] Hija qalet li: "*... qisni bzajt u twerwirt u x'hin rajt lil Peter bhal speci ma' l-art bl-iehor fuqu, Peter ixejjer idu biex ovvjament iqum jew whatever u bhal speci qisni nhsadt u bejt nghajjat biex jaqtghuha.*" Meta zewgha u l-iehor qamu mill-art telqu 'l hemm. Hija osservat li Gabriel Micallef kellu d-demm hiereg minn imniehru infarag u zewgha kellu d-demm ma' halqu, xi grif f'ghonqu u anke f'idu. Fil-kontro-ezami taghha ix-xhud giet mistoqsija jekk l-incident tal-hmieg u l-urina kinitx dejqet lil zewgha u rrabjatu, ix-xhud qalet li haga bhal din dejqitu izda ma kien irrabjat.[8] Ix-xhud qalet li ma kienx zewgha li ta l-ewwel daqqiet. Hija qalet li zewgha ma kienx dahal fil-garaxx. Hija qalet li Gabriel Micallef kien tar ghal fuq zewgha li beda jxejjer izda ma kinitx taf jekk kienx qed jaghtih f'wiccu. Kellha qatgha. Tul is-snin li hija u zewgha ilhom mizzewgin qatt

[5] A fol. 50 et seq.
[6] A fol. 178
[7] A fol. 182
[8] A fol. 186

ma rat lil zewgha involut f'incident bhal dan in dizamina. Zewgha ma kienx tal-glied.

IKKUNSIDRAT

Din l-Onorabbli Qorti hija ffaccjata minn zewg verzjonijiet kontrastanti ta' kif sehh l-incident de quo. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija a tempo vergine Gabriel Micallef qal li l-Imputat "*… nizel ghalija minn gewwa il-vann u qabad ihebb ghalija kif ukoll tefani fl-art fejn qabad ittini u jigdimni*."[9] Mentri meta xehed viva voce quddiem din l-Onorabbli Qorti, Gabriel Micallef qal li ra lill-Imputat riesaq lejh "*... qisu ikkarga u xejjer daqqa ta' ponn, l-ewwel wahda evitajtha u tfajtu ma' l-art...*"[10] Fl-istqarrija tieghu tat-30 ta' mejju 2018, l-Imputat kien qal li "*... hu gie ghalija u tefani fl-art l-ewwel u jien iddefendejt ruhi.*"[11] Din it-tezi li kien il-kwerelant li tefa' lill-Imputat mal-art regghet giet imsemmija kemm fix-xiehda tal-Imputat stress kif ukoll ta' martu u ma gietx kontradetta fil-kontro-ezami.

Ghalhekk, din il-Qorti in vista ta' dawn l-inkonsistenzi u kuntrasti kbar fil-provi prodotti rigwardanti kif kien sehh l-incident ma tistax issib lill-Imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u sejra tilliberah.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah minn kull htija u piena

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**

---

[9] A fol. 13
[10] A fol. 38
[11] A fol. 10